MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-31 ta' Marzu, 2012

Numru 380/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Ezron Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Ezron Falzon ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, bin Saviour u Josephine neè Sammut, imwieled Pietà fl-20 ta’ Settembru 1988 u residenti 120(A) Triq San Guzepp, Hal Luqa, detentur tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 442388(M), talli b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda skond l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

1. Matul ix-xhur ta' Frar u Marzu tas-sena 2012, f'dawn il-Gzejjer iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella b'qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jisguraw li dak ir-reat kien sar;
2. Fl-istess cirkustanzi uza xi *network* jew apparat iehor ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih jew ttraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li nhargu minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-*network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss;
3. Fl-istess perijodu u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, biex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Rat illi l-Prosekuzzjoni titlob li f'kaz ta' sejbien tal-htija, oltre l-piena l-Qorti tordna il-konfiska tal-*corpus delicti*;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u l-atti l-ohra kollha tal-kaz;
Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bl-iktar mod solenni bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat irregistra ammissjoni bikrija ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, madanakollu nonostante tali ammissjoni l-Qorti tqis li ghandha tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu stante li fil-fehma Taghha fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ir-reat hemm addebitat lill-imputat ma jissussisstix. Il-Qorti però, fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, issib lill-istess

imputat hati ta' l-ewwel u tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz kif ukoll il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, madanakollu però ma tistax tinjora s-serjetà tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 110(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 48(1)(d) tal-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza migjuba kontra tieghu izda ssibu hati ta' l-ewwel u tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu, tikkundanna lill-imputat ghal zmien xahar prigunerija, madanakollu fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehma li hemm lok li tali terminu ta' xahar prigunerija ghandu jigi sospiz ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant, tissospendi t-terminu ta' xahar prigunerija ghal perijodu ta' sena (1) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In fine l-Qorti tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, ossia l-*mobile phone* utilizzat mill-imputat fil-kummissjoni tar-reati li taghhom qed jinstab hati.

Il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------